

Brussell, 12 ta' Lulju 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0907(APP)

10824/1/18
REV 1

AG 14
PE 97
INST 270
FREMP 119

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9425/18
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 – Adozzjoni

1. Fil-11 ta' Novembru 2015, il-Parlament Ewropew (PE) adotta proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta d-dispożizzjonijiet li jemendaw l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, akkumpanjat minn riżoluzzjoni dwar ir-riforma tal-liġi elettorali tal-Unjoni Ewropea.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Affarijiet Ġenerali (GAG) ilu jeżamina l-proposta mill-bidu tas-sena 2016. Fil-Coreper tas-7 ta' Ġunju 2018, intlaħaq qbil unanimu dwar il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza¹, abbażi tal-proposta ppreżentata lill-Kunsill f'April u li ħadet il-forma ta' Deċiżjoni ta' emenda għall-Att Elettorali tal-1976. It-test maqbul kien sussegwentement rivedut mill-ġuristi lingwisti ².

¹ Dok. 9226/18

² Dok. 9425/18.

3. Fl-4 ta' Lulju 2018, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' hawn fuq kif tinsab fid-dok. 9425/18.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa, għaldaqstant, mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif tinsab fid-dok. 9425/18 u jordna li d-dikjarazzjonijiet fl-addenda għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti tal-laqgħat tal-Coreper u tal-Kunsill.
5. Ta' min jinnota li l-Belġju u r-Renju Unit esprimew l-intenzjoni tagħhom li jastjenu.
